**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 83/22/F

**Maria Pullen Camilleri**

**vs**

**Portelli & Brincat Limited**

Illum, 13 ta' Frar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar il-31 ta' Mejju 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar it-22 ta' Ġunju 2022 f'idejn ċertu "Marco Portelli";

Ra lis-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tat-28 ta' Novembru 2022 li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150.00) li hija kienet ħallset bħala *deposit* lis-soċjetà intimata meta hija ordnat *roman blinds* mingħandha nhar is-27 ta' Novembru 2019.

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li hija ħallset id-*deposit* kif mitlub, il-*blinds* in kwistjoni baqgħu qatt ma waslu u dan nonostante li kien hemm ħafna insistenza minn naħa tagħha kemm telefonikament kif ukoll tramite l-assistenza tal-MCCAA.

Illi s-soċjetà intimata effettivament naqset milli tqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrenti irnexxielha tipprova l-każ tagħha b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tagħha timmerita akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha u jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***